**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Moghti nhar it-Tnejn 3 ta' Dicembru 2018**

**Mandat Numru : 244/2018/2 JPG**

**M.G.**

**Vs**

**J.B.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' M.G., datat 15 ta' Ottubru 2018, a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti ghandha interess illi l-minuri hawn taht imsemmija ma tittiehdux barra minn Malta;*

*Illi l-intimat huwa persuna li ghandu, jew li jista' jkollu il-kustodja legali jew attwali tal-imsemmija minuri;*

*Illi l-esponenti pprocediet b'medjazzjoni kontestwalment mal-mandat odjern, biex jigu rregolati l-kura u l-kustodja, l-access u l-manteniment tal-minuri E.;*

*Illi minn relazzjoni bejn il-kontendenti, nhar X twieldet il-Minuri E. u dan kif jirrizulta minn Dok A anness;*

*Illi r-relazzjoni tal-partijiet sfaxxat fix-xejn f'Awwissu 2018, u jirrizulta li l-konvenut ftit li xejn qed jikkollabora mal-esponenti fir-rigward tal-istess minuri; filwaqt li jippretendi li jista' jiddetta u jaghmel li jrid f'dak li ghandu x'jaqsam mal-minuri E.;*

*Illi bizzejjed jinghad li l-konvenut addirittura gieghel lill-Minuri Emilie ta' biss tmien snin tisraq il-passaport minghand l-esponenti omm u dan biex huwa allontana ruhu mill-Gzejjer Maltin bl-istess minuri minghajr il-permess tal-Omm u minghajr ma' l-Omm kienet taf;*

*Illi l-konvenut qal lill-esponenti li kien sejjer bil-Minuri lejn Ghawdex bejn il-21 t'Awwissu 2018 u l-25 t'Awwisu 2018, ghal-liema l-esponenti m'oggezzjonatx. Jirrizulta li minflok Ghawdex il-konvenut hareg lill-Minuri barra mill-pajjiz, u l-esponenti saret taf biss fis-26 t'Awwissu 2018 u dan kif anke jirrizulta mill-annessa ittra mmarkata Dok G;*

*Illi recentement il-konvenut anke ghamel talba lill-Qorti tal-Familja biex addirittura jigi awtorizzat jiehu lill-bint minuri tghix l-Ingilterra ghal kollox u dan minghajr qatt ma kkonsulta mal-Omm (kopja tar-rikors annessa u mmarkat Dok B);*

*Illi stante din l-attitudni u stante l-aljenazzjoni shiha li l-konvenut qed jesercita fuq l-Minuri biex jipprova jbieghda minn m'ommha, l-esponenti ghandha bizgha reali li l-konvenut jista' jitlaq mill-pajjiz b'bintha u hi ma tarahix iktar;*

> *Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hurg ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat fejn hu jigi ordnat milli jiehu lil minuri barra mill-Gzejjer Maltin jew jippermetti lil xi hadd jiehu l-imsemmi minuri barra minn Malta;*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2018, Dr Sharon Mizzi informat lill-Qorti li l-passaport kien ingabar u gie mizmum fl-Ufficcju tal-Immigrazzjoni. (Vide fol 11);

Rat ir-risposta ta' J.B., datata 12 ta' Novembru 2018, a fol 12 et seqq li taqra hekk:

> *Illi r-rikorrenti resqet mandat ta' Inibizzjoni fl-atti tal-medjazzjoni miftuha mill-esponenti, sabiex din l-onorabbli qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat fejn hu jigi ordnat milli jiehu l-minuri barra mill-Gzejjer Maltin.*
>
> *Illi r-rikorrenti fir-rikors taghha nizzlet illi r-relazzjoni tal-partijiet sfaxxat fix-xejn f'Awwissu 2018, u jirrizulta li l-konvenut ftit li xejn qed jikkollabora mal-esponenti fir-rigward tal-istess minuri: filwaqt li jippretendi li jista' jiddetta li jrid f'dak li ghandu x'jaqsam mal-Minuri E.;"*
>
> *Illi l-esponenti jiccara l-fatt, li r-relazzjoni bejn il-partijiet ilha li spiccat minn Mejju 2015. Fil-fatt l-esponenti fit-23 ta' Mejju 2015 kera post Y u ilu joqghod hemm fih minn Mejju 2015. Ma hu veru*

*xejn li l-esponenti ma jikkollaborax mar-rikorrenti dwar il-minuri E..*

*Illi bhal issa ma hemm l-ebda kuntratt legali li jorbot l-access tal-minuri bejn il-partijiet, imma hemm ftehim bejniethom li l-minuri toqghod gimgha mal-omm u gimgha mal-missier. L-esponenti ghadu jonora dan il-ftehim sal-lum u kienet ir-rikorrenti li lejn l-ahhar ta' Settembru riedet tbiddel dan il-ftehim.*

*Illi l-esponenti ma hu qieghed jiddetta u ma hu qieghed jaghmel li jrid xejn dwar dak li ghandu x'jaqsam mal-minuri. Fil-fatt fil-bidu ta' din is-sena kien hemm diskussjonijiet mal-omm (minhabba opportunita ta' xoghol li messet lill-esponenti) li jiehu lill-bintu tghix Londra mieghu u ovjament ihallas ghall-ispejjez tal-omm sabiex tara lill-bintha.*

*Illi mid-diskussjonijiet kien hemm indikazzjonijiet li l-omm kienet ser taccetta li t-tifla taghha tmur tghix Londra ma' missierha. Fil-fatt, l-esponenti kera appartament f'Londra stess fejn kien ser joqghod hu u l-minuri u kif ukoll hallas somma flus bhala desposit mal-iskola fejn kienet ser tattendi l-minuri. Wiehed zgur ma jidholx ghal dawn l-ispejjez jekk ma jkunx hemm ftehim jew indikazzjonijiet cari dwar fejn tkun ser toqghod u tattendi skola l-minuri.*

*Illi fir-rikors taghha r-rikorrenti ghamlet referenza ghar-rikors li ghamel l-esponent biex il-minuri tmur tghix mieghu Londra. Dan juri bic-car, l-esponenti minflok ma qabghad u ha lill-minuri mieghu Londra, (kif diga kien hemm diskussjonijiet u qbil mal-omm dwar dan) uza l-mezzi legali biex jitlob lill-Qrati Maltin jekk jilqghux it-talbiet tieghu. It-talbiet ma ntlaqghux u ghaldaqstant l-esponenti joqghod ghad-decizjoni tal-awtoritajiet gudizzjarji.*

*Illi l-fatt li l-esponenti ghamel dak ir-rikors, ma jfissirx li hemm biza li l-esponenti ser jahrab bil-minuri. Din ma hijiex xi atittudni li ghandha tohloq biza reali lill-parti l-ohra ghax l-esponent ezercita l-mezzi legali provduti lilu.*

*Illi r-rikorrenti ssemmi wkoll episodju fejn l-esponenti siefer lill-minuri minghajr mal-omm kienet taf. Fir-rikors taghha r-rikorrent tikkonferma li l-passaport tat-tifla dejjem kien mizmum minnha. Kif ukoll meta l-awtoritajiet tal-passaport talbu l-passaport tal-minuri minn ghnad l-esponenti dan qalilhom li l-passaport tal-minuri ma huwiex ghandu imma ghand l-omm. Meta l-minuri irritornat mis-safar, l-passaport rega spicca ghand omm il-minuri.*

*Illi l-esponenti jichad bil-qawwa li huwa gieghel lill-minuri sabiex tisraq il-passaport kif hemm allegat fir-rikors tar-rikorrenti.*

*Illi fir-rikors taghha r-rikorrenti ma ressqet l-ebda biza reali li l-esponenti huwa daqshekk perikoluz li ser jahtaf lit-tifla u jitlaq barra minn Malta biha. Fil-fatt l-esponenti kemm-il darba siefer mal-minuri wahdu u qatt ma kien hemm problemi jew xi bezghat li l-minuri mhix ser tigi lura Malta.*

*Ghar-ragunijiet imressqa f'dan ir-rikors, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli qorti li tichad it-talba tar-rikorrenti ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni u kif ukoll thassar contrario imperio id-degriet moghti fil-15 ta' Ottubru, 2018, safejn it-taba tar-rikorrent kienet intlaqghet b'mod provvizorju.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi r-rikorrenti prezentat l-affidavit taghha illi pero m'huwiex konfermat bil-gurament u ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu;

Semghat it-trattazzjoni tad-difensuri legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat;

**R.G,** missier ir-rikorrenti, xehed permezz ta' affidavit illi fil-11 ta' Settembru 2018 kien iltaqa' ma' H. missier l-intimat, go cafe il-Hamrun, u kien skopra illi l-intimat kien ha lill-minuri E. Londra minghajr ma nforma lir-rikorrenti. Qal li skopra wkoll illi waqt li kien qieghed Londra ma' E., l-intimat kien kitibha fi skola privata sabiex tkun tista' tibda tattendi hemmhekk ghaliex huwa kellu opportunita ta' xoghol fir-Renju Unit. Qal illi missier l-intimat xtaqu jinforma lir-rikorrenti bit-termini tal-intimat ghaliex ir-rikorrenti kienet ghadha ma taf b'xejn bl-intenzjoni li l-intimat jitrasloka l-Ingilterra flimkien ma' binthom minuri.

**M.G.** xehdet a fol 26 *et seqq* illi l-partijiet ghandhom arrangament informali rigward l-access ta' binthom minuri E., li ghandha tmien snin, fis-sens illi l-istess minuri toqghod gimgha mal-omm u gimgha mal-missier. Spjegat illi f'Awissu tal-2018 hi kienet minghaliha illi l-intimat kien ha lil binthom Ghawdex, u precizament il-hotel Kempinski, izda meta waslet lura t-tifla saret taf li l-intimat u binthom ma kienux Ghawdex izda kienu Londra. Xehdet li dan ifisser illi l-intimat kien wassal lil binthom sabiex tisraq il-passaport taghha mill-kexxun fid-dar fejn izommu flimkien ma' taghha. Kompliet li meta ikkonfrontat lill-intimat b'dan kollu, huwa kien qalilha li kien gab permess mill-Qorti biex isiefer ma' binthom. Qalet li ghalhekk hija kienet marret tiehu parir minghand avukat, ghaliex kienet qed tibza peress illi din is-sena l-intimat kiseb passaport Ingliz u ghalhekk bdiet

tibza li jitlaq mill-pajjiz u jiehu lil binthom mieghu. Qalet li ma kien hemm l-ebda pjan li l-intimat jiehu lil binthom toqghod barra minn Malta, u E. qatt ma semmiet xejn minn dan.

Xehdet illi sussegwentement kienet skopriet illi l-intimat kien sab opportunita ta' xoghol l-Ingilterra u ried li jitrasloka hemm flimkien ma binthom. Qalet li dan skoprietu biss tramite kawza li r-rikorrenti fetah il-Qorti sabiex jikseb il-permess tal-Qorti li jitrasloka flimkien ma' binthom.

**In kontro-ezami** a fol 31 *et seqq* xehdet illi hija bdiet tissuspetta li forsi l-intimat jkun irid jitlaq bit-tifla lejn l-Ingilterra minn kif gab il-passaport Ingliz, u l-intavolar tar-rikors ghall-awtorizazzjoni sabiex jitrasloka kkonferma din il-biza tant li llum il-gurnata spiccat bil-passport ta' binthom il-hin kollu fil-*handbag* taghha biex ikun maghha f'kull hin. Innegat li l-intimat qatt siefer wahdu ma' E., apparti din id-darba ta' Londra.

**J.B** xehed a fol 37 *et seqq* illi gie offrut opportunita ta' *funded* Ph.D waqt li jkun ukoll qed jghallem. Spjega illi wara li hu kien qal lill-universita li ma setghax jikkommetti ruhha peress illi ghandu bint minuri, l-universita kienet offriet li tirregistra lil bintu fi skola qrib l-universita. Qal illi ghalhekk huwa kien informa lir-rikorrenti li kien hemm l-opportunita li t-tifla tqatta' *term* jew tnejn f'din l-iskola fl-Ingilterra u jekk ma tkunx kuntenta jerga jigu lura Malta. Qal illi l-partijiet kien qed jiddiskutu wkoll illi l-intimat ihallas il-passaggi ghar-rikorrent sabiex tkun tista' tmur tara lil binthom waqt li tkun l-Ingilterra. Qal illi r-rikorrenti kienet kuntenta b'dan l-arrangament, ghaliex din kienet opportunita anke ghat-tifla, pero lejn nofs Awissu kien inbidel kollox, u r-rikorrenti qaltlu li ma kienetx ser taccetta li jiehu lil E. l-Ingilterra. Qal li ghalhekk beda skambju ta' ittra bl-avukat, u mbaghad procedew b'medjazzjoni, izda oramai it-tifla tilfet posta fl-iskola l-Ingilterra peress li kienu ser izommulha posta biss sa l-ahhar ta' Novembru. Qal li apparti minn hekk huwa kien dahal f'kirja ta' sentejn ghall-kera

mensili ta' £1,800 li jista' jinkancella biss wara sena, u ghalhekk bhalissa qieghed ihallas din il-kirja ghalxejn. Zied li inoltre, jekk ma jaghmilx decizjoni rigward il-Ph.D. sal-ahhar tas-sena, ser jitlef l-opportunita. Qal li kieku ma kienx hemm ftehim bejn il-partijiet zgur li ma kienx ser jidhol f'dan l-ispejjez kollha ghalxejn.

Xehed li r-rikorrenti kienet diga qablet li jsiefer ma' binthom l-Ingilterra izda fl-ahhar minuta kienet bidlet fehmitha. Qal li E. kienet qalet li ma kienx sew li ommha taghmel hekk meta kienu diga ftehmu u kienet qabdet u hadet il-passport minn fejn kienet izommu r-rikorrent. Spjega li meta kien gabar lit-tifla din kellha l-passaport fil-bagalja, u li inoltre kienet it-tifla stess li qalet lil ommha li kienu qieghdin Ghawdex. Mistoqsi ghalfejn xorta wahda ha lil binthom l-Ingilterra avvolja r-rikorrent ma kienetx tat il-kunsens taghha, wiegeb illi dan kien ghaliex ir-rikorrent ma kienitx taghtu l-ebda raguni ghall-bdil ta' fehmitha u ghalhekk ghalih ma kienx jaghmel sens, u qabad u mar bit-tifla l-Ingilterra.

**Ikkonsidrat;**

Skont l-ewwel u t-tieni sub-inciz tal-Artikolu 877 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta:

> "***(1) Mandat ta' inibizzjoni jista' wkoll jinħareġ biex iżomm persuna milli tieħu persuna ta' taħt l-età barra minn Malta.***
>
> ***(2) Il-mandat għandu jiġi notifikat lill-persuna jew persuni li jkollhom, jew li jista' jkollhom, il-kustodja legali jew attwali tal-persuna ta' taħt l-età u jkun jordnalhom biex ma jiħdux, jew iħallu lil xi ħadd jieħu, lil dik il-persuna ta' taħt l-età barra minn Malta.***"

Il-Qorti taghraf illi fir-rigward tal-mandat ghal inbizzjoni tal-partenza ta' minuri,

jghoddu ir-regoli u principji generali stabbilit ghall-mandati ta' inibizzjoni generali.

Skond l-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Il-ligi thares il-jedd *prima facie* bhala rekwizit mehtieg għall-hrug tal-Mandat. Irid ghalhekk ikun jedd, *albeit* biss wiehed fuq bazi ta' *prima facie*, li jimmerita harsien. Mhux bizzejjed li jkun sempliċi diffikulta', disagju jew thassib.[1] Il-Qorti taghraf ukoll illi Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bhala mezz procedurali ta` natura eccezzjonali.[2]

Illi inoltre, meta si tratta ta' mandat ta' impediment ta' partenza ta' minuri, il-Qorti ghandha tigi gwidata primarjament mill-interess suprem tal-minuri.[3]

Rigward il-fattispecie tal-mandat odjern, il-Qorti rat illi l-kura u kustodja ta' bint minuri tal-partijiet, E., hija kongunta, u l-istess minuri tqatta' gimgha tghix ma' ommha r-rikorrenti, u gimgha tghix ma' missierha l-intimat. Jirrizulta wkoll u mhux kontestat illi l-intimat ha lil minuri barra minn Malta, specifikatament Londra, minghajr l-gharfien, u wisq anqas il-kunsens tar-rikorrenti. Jirrizulta wkoll illi l-intimat irid jitrasloka lejn l-Ingilterra ghaliex ghandu opportunita li jaghmel Ph.D u jghallem f'Universita Ingliza, u jrid jitrasloka flimkien ma' bintu, li jirrizulta li diga giet registrata fi skola privata Ingliza, minghajr il-kunsens ta' ommha r-rikorrenti. Il-Qorti rat ukoll illi, kif jirrizulta mix-xhieda tal-intimat

[1] Vide per ezempju Qorti tal-Kummerc – **26 ta` Mejju 1995** fl-atti tar-Rikors ghall-hruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "**Cassar Pulliċino noe vs Caruana Curran noe et**" (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387)].
[2] Vide per ezempju **Charles Mugliett vs Saviour Bonnici,** Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza fil-**25 ta' Jannar 2005.**
[3] Vide per ezempju **Gordon Caruana Dingli vs Michelle Caruana Dingli,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 13 ta' Lulju 2001.

stess, huwa baqalu' ftit ta' zmien sabiex jaccetta l-offerta maghmula lilu u lil bintu.

Tenut kont ta' dan kollu, l-Qorti tqis illi hemm riskju reali illi l-intimat **jerga** jiehu lil bint minuri tal-partijiet barra minn Malta minghajr il-kunsens tar-rikorrenti jekk dan il-mandat ma jigix milqugh. Dan qieghed jinghad principalment akkont tal-fatt illi fix-xhieda tieghu, meta mistoqsi ghalfejn kien ha lil E. mieghu Londra meta kien jaf li ma kellux il-kunsens tar-rikorrenti, huwa wiegeb li kien ghamel dan ghaliex ghalih m'ghamilx sens illi r-rikorrenti tirrifjuta l-kunsens taghha. Ghalkemm il-Qorti tista' tifhem id-dizappunt tal-intimat, xorta wahda tinsab verament imhassba bl-imgieba tal-intimat illi sfaccatament agixxa kontra r-rieda tar-rikorrenti sempliciment ghaliex ma fehemx, jew ahjar, m'ghogbitux, l-opinjoni tar-rikorrenti rigward fejn ghandha tirrisjedi binthom. Il-Qorti tfakkar illi l-minuri hija bint iz-zewg partijiet, ghalhekk, prevja d-dikjarazzjoni appozita mill-Qorti, kull decizjoni li tirrigwarda t-tehid tal-minuri barra minn Malta tehtieg il-kunsens taz-zewg partijiet, jew alternattivament, awtorizzazzjoni mill-Qorti. Huwa zgur pero, illi l-intimat ma jistghax jaqbad u jiehu l-ligi b'idejh u johrog lil minuri mil-pajjiz minghajr tali kunsens jew awtorizazzjoni, u jekk jaghmel dan ghandu jistenna li jkun hemm riperkussjonijiet severi ghal tali agir, ghaliex dan minnu nnfisu jirradika l-biza reali u ragonevoli, almenu fuq bazi *prima facie,* tar-rikorrenti li bintha tittiehed barra minn Malta minghajr il-kunsens taghha ghal darb'ohra.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement tinibixxi lill-intimat J.B. milli jiehu lill-minuri E., imwielda X , barra mill-Gzejjer Maltin jew jippermetti lil xi hadd jiehu l-imsemmija minuri barra minn Malta, tordna n-notifika ta' din id-decizjoni lill-awtoritajiet koncernati skond il-ligi b'ordni li ma johorgux, u/jew ma jikkonsenjawx, passaport li fih ikun hemm imdaħħal l-imsemmija E. u biex**

**ma jdaħħalx isem l-istess E. fil-passaport tar-rappreżentanti legali tagħha jew fil-passaport ta' persuna oħra; u tordna wkoll in-notifika ta' din id-decizjoni lill-Kummissarju tal-Pulizija u b'ordni li l-imsemmija E. ma titlaqx barra mill-gzejjer ta' Malta u Ghawdex.**

**Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat.**

**Moghti kameralment illum 3 ta' Dicembru 2018,**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**